

32003D0642

L 226/27

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

10.9.2003

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2003/642/JHA
tat-22 ta' Lulju 2003**

li tirrigwarda l-applikazzjoni għall-Ġibiltà tal-Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkonsidra l-Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾ ("il-Konvenzjoni dwar il-Korruzzjoni")

Billi:

- (1) Billi l-Konvenzjoni dwar il-Korruzzjoni kienet imfassla bl-Att tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 1997.
- (2) Ma saret l-ebda dispożizzjoni fil-Konvenzjoni dwar il-Korruzzjoni li tirrigwarda l-applikazzjoni tagħha għall-Ġibiltà.
- (3) Il-Konvenzjoni dwar il-Korruzzjoni, u numru ta' Konvenzjonijiet oħra mfassla fuq l-istess bażi, kienu konklużi taħt it-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea qabel l-1 ta' Ġunju 2000 ⁽²⁾ u dak iż-żmien ma kenx estenzi għall-Ġibiltà.
- (4) Ir-Renju Unit huwa responsabbli mir-relazzjonijiet internazzjonali tal-Ġibiltà.

- (5) Huwa mixtieq li l-Konvenzjoni dwar il-Korruzzjoni tiġi applikata għall-Ġibiltà,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Konvenzjoni dwar il-Korruzzjoni tapplika għall-Ġibiltà.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* u għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Lulju 2003.

Għall-Kunsill

Il-President

G. ALEMANN

⁽¹⁾ ĠU C 195, tal-25.6.1997, p. 1.

⁽²⁾ Id-data li fiha l-arranġamenti bejn Spanja u r-Renju Unit li għandhom x'jaqsmu ma' l-awtoritajiet ta' Ġibiltà fil-kuntest ta' l-istrumenti u t-trattati li għandhom x'jaqsmu magħhom ta' l-UE u tal-KE tkun daħlet f'effett.